**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 t'April, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 1626/99JR**

**Martin Xuereb bhala proprjetarju u ezercenti n-negozju taht l-isem "Martin's Diner"**

**vs**

**Joseph Mary Cassar fil-kariga ta' Sindku, u Mario Giuliano fil-kariga ta' Segretarju tal-Kunsill Lokali Zurrieq**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Ottubru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm237.50), dovuti bhala bilanc minn somma akbar, prezz ta' ikel u servizzi ohra li gew servuti mir-restaurant "Martin's Diner", lill-grupp ta' anzjani miz-Zurrieq li

**lilhom giet organizzata gita ta' gurnata f'Ghawdex mill-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, u ikel u servizzi ohra bi hlas gew servuti fuq talba, ordni, u a karigu taghhom il-konvenuti nomine, liema bilanc baqa' ma giex saldat minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet bil-miktub ghall-hlas;**

**Bl-imghaxijiet b'effett mit-2 ta' Gunju, 1999 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta b'kontro-talba tal-konvenuti prezentata fis-16 ta' Novembru, 1999, fejn intqal:**

**i. illi preliminarjament is-servizz offrut mill-attur kien wiehed orrur u ta' kwalita` "sub-standard" tant illi l-ahhar anzjani gew servuti fis-6.00p.m. bil-konsegwenza illi l-anzjani gew imtellfa parti mill-programm;**

**ii. illi konsegwenza ta' dak li gara, gja ndikat fl-ewwel paragrafu, l-Kunsill sofra danni u pregudizzju konsistenti f'nuqqas ta' fiducja u fama f'dak li jorganizza u dan kif jirrizulta mill-kontro-talba;**

**iii. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont imnaqqas huwa dak reklamat mill-konvenut u li jirrifletti d-danni kagunati lill-konvenut konsegwenza ta' l-agir tieghu stess u dan kif jirrizulta f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenuti fejn intalab il-hlas ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm237.50), u fejn intqal:**

**Illi huwa l-attur li ghandu jaghti s-somma imsemmija lil konvenut noe u dan bhala danni naxxenti minn nuqqas ta' servizz li sew f'nuqqas ta' fama u fiducja u dan kif irrizulta mill-attivitajiet organizzati sussegwentement li ghalihom kien hemm konkorrenza baxxa u fqira;**

**Ra d-degriet ta' l-4 ta' Jannar, 2000, li bih giet ammessa korrezzjoni fil-kontro-talba u zdiedu s-segwenti:**

i. **Illi ghalhekk l-attur ghandu jigi dikjarat responsabbli talli espona lill-esponenti ghan-nuqqas ta' fama u fiducja;**

ii. **Jigi konfermat l-ammont ta' danni minhabba nuqqas ta' fama u fiducja fl-ammont likwidat ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm237.50);**

iii. **Jordna illi l-ammont ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm237.50) gja hekk stabilit u konfermat ikun pacut ma' dik il-parti tal-bilanc allegatament dovuta.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba fejn intqal:**

1. **Illi mhuwiex guridikament koncepibbli li ssir tpacija bejn dejn cert, likwidu u dovut li qed jitlob l-attur ma' somma pretiza mill-konvenuti nomine in likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti minnhom li lanqas ma hija certa u lanqas dovuta;**

2. **Illi l-Kunsill Lokali Zurrieq ma sofra ebda danni u t-talba tieghu ghall-hlas ta' dawn id-danni hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine;**
3. **Illi mhuwiex guridikament korrett li titlob il-bilanc tad-danni minghajr ma ssir talba wkoll ghall-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti mil konvenuti.**

**Semgha x-xhieda ta' Victoria Hili u Joseph Mary Cassar. Ra l-affidavits ta' Rose Azzopardi, Frances Galea u Victoria Hili. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' prezz ta' ikel u servizz moghti mir-Restaurant "Martin's Diner" f'Ghawdex, lill-grupp ta' anzjani li kienu f'gita organizzata mil-Kunsill Lokali taz-Zurrieq.**

2. **Il-Kunsill Lokali taz-Zurrieq filwaqt li qed jikkontesta t-talba in kwantu qed jallega li s-servizz kien hazin, qed jaghmel kontro-talba ghall-istess ammont bhala danni konsistenti f'nuqqas ta' fiducja u ta' fama.**

3. **Jirrizulta mill-provi li fit-3 ta' Gunju, 1999, kien mar grupp ta' anzjani taht id-direzzjoni tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq ghall-gita kulturali f'Ghawdex, u kien hemm ftehim sabiex jieklu ghand l-attur. Il-ftehim kien sar fuq it-**

**telefon, u jirrizulta li l-attur kellu jservi ghall-mija u hamsin persuna circa.**

4. **Jirrizulta li l-ftehim kien li jieklu fin-12.30p.m., u kien inghata lill-Kunsill minn qabel biljetti sabiex jigi determinat x'kien ser ikun l-ordni.**

5. **Jirrizulta li n-numru tal-grupp zdied bi ftit, cioe` minn mija u hamsin ghall-mija u sittin. Il-grupp pogga ghall-ikel fis-1.30p.m. minflok fin-12.30p.m.. Jirrizulta li l-grupp spicca jiekol ghall-habta tal-5.00p.m..**

6. **Jirrizulta ampjament li kien hemm konfuzjoni. Kif xehdet Victoria Hili, bint il-proprjetarju tar-restaurant: "Il-konfuzjoni grat minhabba li min kien ordna ikel, bidel l-ordni dak il-hin li qed jitqassam l-ikel."**

7. **Is-Sindku tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, Joseph Mary Cassar, li ma kienx prezenti pero` rreferwlu x'gara, qal li mhux l-grupp kien mar tard, izda kien iddahhal tard. Hu qal ukoll li l-grupp spicca jiekol fil-5.45p.m.. Skond l-istess konvenut, il-biljetti kienu ghand certa Saverina Farrugia, pero` hadd ma kellimha jew staqsiha ghalihom.**

8. **Il-punt kollu tal-vertenza huwa dwar min kien responsabbli ghall-biljetti. Fil-fehma tat-Tribunal, iz-zewg partijiet kellhom l-obbligu li jaraw ghall-biljetti, u peress li dawna kienu ghand il-konvenut tali obbligu kien fil-**

**fatt jinkombi aktar fuqu li meta jmorru ghall-ikel, jghaddi dawn il-biljetti. B'hekk kienet tigi evitata l-konfuzjoni li segwiet, minhabba tibdil fl-ordnijiet.**

**9. Ma jirrizultax li kien hemm xi ilment dwar l-ikel, anzi inghad li kien tajjeb. Lanqas ma jirrizulta li gew rifuzi xi flus mill-Kunsill Lokali lill-persuni li marru ghall-gita.**

**10. Ghalhekk jirrizulta li l-ammont huwa tassew dovut lill-attur, ghax dan ma jistghax jigi tenut responsabbli ghall fatt li l-persuna inkarigata mill-Kunsill Lokali ma ghadditlux il-biljetti. Pero` it-tribunal ihoss li ghandu jimmitiga f'dawk li huma imghaxijiet fis-sens li dawn jibdew jiddekorru mil-lum.**

**11. Dwar il-kontro-talba, apparti il-fatt li definitivament ma hux kaz ta' tpacija, ma jirrizultax pruvat li l-konvenuti sofrew id-danni li qed jirreklamaw.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad il-kontro-talba tal-konvenuti et noe, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut et noe jhallsu lill-attur is-somma ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm237.50), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati ugwalwment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**